MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tal-11 ta' Frar, 2013

Appell Kriminali Numru. 480/2011

**Il-Pulizija**
**(Spt. Robert Vella)**
**Vs**
**Carmel Azzopardi**
**Omissis**
**Omissis**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` numru 922648M] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar is-7 ta' Gunju, 2008 ghall-habta ta' 15.30 hrs fl-Irdum ta that il-Madliena L/O Dingli

1. bla hsieb li jisirqu jew li jaghmlu hsara kontra l-ligi izda biss biex jezercitaw dritt li jippretendu li ghandhom fixklu lil Andrew Agius fil-pussess ta' hwejjeg billi dahlu fil-proprjeta` tieghu. Sec. 85 (1) Kap. 9.
2. u aktar talli fl-istess post data u hin bi hsara tas-sid jew ta' detentur ghamlu vjolazzjoni kontra l-propjeta` ta'

Andrew Agius billi dahlu fil-propppjeta` tieghu minghajr permess Sec 340(d) Kap. 9
3. u aktar talli fl-istess data hin u lok volontarjament ikkagunaw hsara, hassru jew gharrqu hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli billi qactu frieghi tal-harrub u pali tla-bajtar li kienu fil-propjeta` ta’ Andrew Agius Sec 325 Kap. 9.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-10 ta’ Novembru 2011, li biha wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe` l-artikoli 85, 325 u 340(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, iddikjarat li ma sabitx lill-imputati omissis hatja tal-akkuzi u lliberathom minn kull akkuza filwaqt li sabet lill-appellant hati tal-akkuzi u kkundannatu komplessivament multa ta’ mitt Ewro (€100).

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-21 ta’ Novembru 2011, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u konsegwentement tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni u htija.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huwa s-segwenti w cioe':-
1. Fl-ewwel lok, u b’referenza ghall-ewwel imputazzjoni u cioe` dik ta’ ragion fattasi, l-appellant jirrileva illi l-kwerelanti Andrew Agius bl-ebda mod ma pprova illi kellu xi tip ta’ pussess fuq il-proprjeta` u jew sigar in kwistjoni. Minn qari tax-xhieda ta’ l-istess Andrew Agius migbura quddiem il-perit tekniku Mario Cassar, il-kwerelanti Andrew Agius fl-ebda mument ma xehed dwar dan l-element fundamentali tar-reat ta’ ragion fattasi. Ghalhekk biss l-appellant kellu jigi liberat minn din l-imputazzjoni.
2. Fit-tieni lok, u b’referenza ghall-imputazzjoni ta’ ragion fattasi, ghandu jigi rilevat ukoll illi mhux biss il-kwerelanti ma rnexxilux jipprova dan l-element izda sahansitra xhud tal-prosekuzzjoni ossija Mario Pisani, waqt is-seduta ta’ nhar l-1 ta’ Ottubru, 2010, in kontro-

ezami xehed illi "Jiena u s-sur Agius konna fl-area tas-sur Agius u l-imputati kienu fl-area taghhom". Jigifieri anke xhud tal-prosekuzzjoni stess jammetti illi l-post fejn kienu l-imputati fosthom l-appellant, kienet fil-pussess ta' l-appellanti u l-familja tieghu. Inoltre, l-istess appellant xehed illi kien ilu jidhol u kwindi fil-pussess ta' din il-proprjeta` mis-snin hamsin. Ghalhekk l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet certament zbaljata meta sabet illi l-imputat huwa hati tar-reat ta' ragion fattasi.

3. Fit-tielet lok, ix-xhieda ta' l-imsemmi Mario Pisani u l-kwerelanti Andrew Agius hija kunfliggenti u ghalhekk taghti lok ghal dubju ragjonevoli illi ghandu jmur favur l-appellanti. Ix-xhieda hija kunfliggenti billi filwaqt illi Andrew Agius jghid illi kien ra lill-appellanti jaqta` s-sigar bic-chainsaq, Mario Pisani jghid illi kulma ra huwa li l-appellant u l-familja tieghu kienu qeghdin jigbru xi zkuk u li ma kellhomx chainsaw. Apparti dan kollu anke l-verzjoni ta' l-istess Andrew Agius hija kunfliggenti billi minkejja li fix-xhieda tieghu xehed illi ra lill-appellant jaqta` s-sigar, waqt laccess illi kien zamm il-perit tekniku huwa qal illi kien isfel fl-ghelieqi tieghu u sema` chainsaw izda ma rax lill-appellant jaqta` s-sigar. In-notamenti li kien ha l-perit tekniku waqt l-access fuq survey tal-proprjeta` in kwistjoni u annessi mar-rapport tieghu jixhdu dan kollu.

4. Fir-raba' lok, b'referenza ghat-tieni imputazzjoni dina ma gietx ippruvata billi ma gie ippruvat bl-ebda mod illi l-appellant dahal fil-proprjeta` ta' Andrew Agius. Tabilhaqq, waqt ix-xhieda tieghu Andrew Agius fl-ebda mument ma jghid illi l-appellant kien fil-proprjeta` tieghu. Inoltre, l-appellant xehed u gab prova illi l-pal tal-bajtar u l-harrub kien fil-proprjeta` tal-familja tieghu u fil-pussess tieghu ud ana billi ezebixxa pagna 1899 mill-kuntratt tas-sena 1939. Inoltre l-appellant xehed illi huwa kien ilu fil-pussess u jidhol f'dik il-proprjeta` ghal zmien twil. Barra minn dan kollu, gja gie rilevat illi Mario Pisani xehed ili l-appellant u l-familja tieghu kienu fil-proprjeta` taghhom. B'hekk lanqas dan l-element ma gie ppruvat.

5. Fil-hames lok u senjatament b'referenza ghat-tielet imputazzjoni illi giet ikkagunata hsara fi hwejjeg haddiehor billi qaccat frieghi tal-harrub u pal tal-bajtar fil-proprjeta` ta' Andrew Agius. Jigi rilevat illi l-ewwel u qabel kollox, ma gie ppruvat bl-ebda mod illi l-harrub u l-pal tal-bajtar kien

fil-proprjeta` ta' Andrew Agius. Ghal kuntrarju, l-appellant ipprova bil-kuntratt ezebit minnu illi dawn kienu jinstabu fil-proprjeta` tal-familja tieghu. L-istess xehed Mario Pisani. Apparti dan. L-appellant ma kkaguna ebda hsara kif tghid l-imputazzjoni billi kulma kellu permess jaghmel l-appellant huwa illi jizbor is-sigar tal-harrub skond il-permess ta' l-Awtorita` kompetenti u huwa proprju dak li ghamel.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Illi l-aggravji tal-appellant jistgħu jinġabru fil-qosor kif ġej:

L-ewwel tliet aggravji huma dwar apprezzament tal-fatti magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati. Skont l-appellant, il-kwerelant Andrew Agius qatt ma ġab prova li kellu xi tip ta' pussess fuq il-propjeta' u jew is-siġar in kwistjoni. U din il-prova lanqas ma saret meta xehed Mario Pisani. U li hemm konflitt bejn dak li xehed Mario Pisani u Andrew Agius.

Ir-raba' aggravju huwa li m'hemm ebda prova li l-appellant daħal fil-propjeta' ta' Andrew Agius.

Il-ħames aggravju huwa li ma kienx ippruvat li l-ħarrub u l-pal tal-bajtar kien fil-propjeta' ta' Andrew Agius. L-appellanti ma kkawża ebda ħsara.

Il-Qorti eżaminat l-atti u minnhom irriżulta dan li ġej:

(a) Skont PS 156 F.Abela Andrew Agius kien allega li l-appellant u żewġ persuni oħra kienu daħlu fil-propjeta' tiegħu u qaċċtu friegħi tal-ħarrub u xi pal tal-bajtar. Lill-appellnat ruh jaqta' l-ħarruba. Carmel Azzopardi kien qal li huma kienu fil-projeta' tagħhom kif juru l-kuntratti. Huwa kkonferma li kien sar il-qtugħ iżda dan kien skont permess tal-MEPA. (Ara fol 51).

(b) Andrew Agius xehed li kien ra lill-appellant iqaċċat il-pal tal-bajtar u z-zkuk tas-siġar. Carmel Azzopardi kellu chain saw f'idejh.

(ċ) Mario Pisani xehed li kien ra lill-appellant iqaċċat l-għollieq, il-bajtar u jġorr iz-zkuk tas-siġar. Ma deherlux li kienu użaw chain saw. Huwa u Andrew Agius kienu fl-area ta' Andrew Agius u l-imputati kienu fl-area tagħhom. **Qabel l-inċident ma kienx jara lill-imputati għax kien hemm il-bajtar tax-xewk.**

(d) Frederick Agius xehed li kien ra lil Carmel Azzopardi jqaċċat il-pal tal-bajtar, ħarrub u għollieq. Is-siġar qegħdin bejn il-propjeta' tal-kwerelanti u dik tal-imputati. Tan-naħa tal-kwerelanti tqaċċtu wkoll. Huwa kien ra lil Carmel Azzoparsdi jqaċċat is-siġar bis-sega.

(e) Carmel Azzopardi wieġeb lill-Perit Tekniku xehed li kien hemm ftuħ bejn l-Arja A u l-Arja B. 9Ara sketch a fol 62). Huwa kien qala' l-pal tal-bajtar minn taħt liema pal tal-bjatar huwa indikat filp-kuntratt tas-sena 1939 paġina 1899. Huwa kien ilu jidħol hemm mill-ħamsinijiet fil-preżenza ta' Andrew Agiusu l-familja tiegħu. Minn qalb is-siġar tal-pal tal-bajtar ma kienx jgħaddi bl-għollieq. Ma kienx jgħaddi min-naħa għall-oħra biss maġenb is-siġar. Ma kienx idur mal-pal tal-bjatar. Dejjem kien jgħaddi mill-propjeta' tagħhom. **Dakinhar kien miss il-pal tal-bajtar u l-għollieq u żabar il-ħarrub. (fol 41)**

(f) Mary Azzopardi xehdet li ma kinux jaqsmu fuq l-art li mhix tagħhom. Mhux bilfors kienet tgħaddi minn qalb il-pal tal-bajtar biex taċċedi għar-razzett.

Mir-ritratti meħudin 'aerial view', kien stabbilit li s-siġar tal-pal tal-bajtar u l-għollieq kien jifforma boundary impenetrabbli bejn il-projetajiet tal-kwerelant u tal-imputati. (fol 30).

Skont il-perit tekniku maħtur mill-Qorti l-pussess tal-rat taż-żewġ naħat kien definit minn dan il-boundary impentrabbli wiesa' madwar tleit metri.

Il-perit tekniku jkompli hekk:

‘Mill-aerial views huwa evidenti li parti mill-pal tal-bajtar u friegħi tal-ħarrub kien jaqbżu għal fuq il-propjeta’ tal-kwerelant (pjanta MP 5) li huwa limitu kif indikat mil-linja tal-pjanta tar-reġistrazzjoni.’

Il-konklużjoni tal-perit tekniku kienet li nqata’ parti mill-pal li kien fuq il-propjeta’ tal-parti ċivili.

L-Ewwel Qorti rrimarkat li min jiġġudika mhux marbut bil-konklużjonijiet li jagħmel il-perit tekniku imma li tali konklużjonijiet ma jitwarrbux b’mod leġġer.

**L-Ewwel Imputazzjoni – l-artikolu 85(1) tal-kap 9**

Il-Qorti eżaminat il-punt ta’ liġi involut fl-ewwel imputazzjoni. L-artikolu 85 jgħid hekk:

**85.** (1*) Kull min, bla ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi, iżda biss biex jeżerċita jedd li jippretendi li għandu, iġiegħel, bl-awtorità tiegħu nnifsu, lil xi ħadd iħallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew ifixkel lil xi ħadd fil-pussess ta’ ħwejġu, jew iħott bini, jew jikser il-mixi tal-ilma jew jieħu l-ilma għalih, jew b’xi mod ieħor, kontra l-liġi, jindaħal fi ħwejjeġ ħaddieħor, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta’ priġunerija minn xahar sa tliet xhur:*

*Iżda, il-qorti tista’, fid-diskrezzjoni tagħha, minflok il-piena hawn fuq imsemmija, tagħti l-piena tal-multa.*

*(2) Id-disposizzjonijiet tal-artikolu 377(5) japplikaw f’kull każ ta’ sejbien ta’ ħtija taħt is-subartikolu (1) u meta l-għemil tal-ħati jkun irriżulta filli persuna oħra tbati spoll il-qorti għandha tapplika d-disposizzjonijiet ta’ dak is-subartikolu sabiex tassigura li l-persuna li batiet l-ispoll titqiegħed għal kollox fl-istat ta’ qabel ma batiet l-ispoll.*

Il-Qorti sejra tagħmel referenza għall-każ ‘Il-Pulizija versus Eileen Said’ li kien deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali

(Inferjuri) fid-19 ta’ Ġunju 2002 mill-Imħallef Dr J.Galea Debono.

***‘Illi l-appellanti instabet ħatja tar-reat ta’ “ragion fattasi” jew dak li jissejjah “the exercise of a pretended right” . Illi din l-azzjoni bazata fuq l-Artikolu 85 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta hija speci ta’ zona grigja bejn il-kamp civili u dak kriminali , tant li Sir Andrew Jameson meta kien qed jigi abbozzat il-Kodici Penali Malti kien osserva fir-Rapport tieghu fir-rigward li :-***

***“It is doubtful whether acts of this kind would not be better left to the operation of the ordinary civil remedies by way of interdict of or claim for damages.....” (Ara Prof. Sir Anthony Mamo - Notes on Criminal Law” (Parti Speċjali) Vol. II)***

***Illi l-elementi tar-reat in dizamina gew magisterjalment migbura fid-definizzjoni analitika moghtija mill-Imħallef W. Harding fis-sentenza ta’ din il-Qorti fil-kawża “ Il-Pulizija vs. Giuseppe Bonavia et. “ (App.Krim. 14.10.1944 , Vol.XXXII - IV , p.768) u dawn jinkludu :-***

***a) att estern li jimpedixxi persuna oħra minn dritt li hija tgawdi , u li jkun sar bid-dissens esplicitu jew implicitu ta’ dik il-persuna .***

***b) l-imputat irid jemmen li qed jaġixxi bi dritt ;***

***c) ix-xjenza tal-imputat li qed jiehu b’idejh dak li suppost jieħu tramite l-proċess legali ;***

***d) li l-att ma jinkwadrax ruhu f’reat aktar gravi .***

***Illi kif dejjem gie ritenut element importanti kostituttiv ta’ dar-reat hu dak intenzjonali fis-sens li l-agir ta’ dak li jkun irid ikun magħmul bil-ħsieb li hu qed jeżerċita dritt li jaħseb li għandu għad-distinzjoni mir-reati ta’ serq jew danni volontarji fuq proprjeta’ ta’ ħaddieħor per eżempju . Għalhekk hemm bżonn li issir indaġni***

***fuq il-movent li jkun wassal lill-persuna li ikkommettiet dar-reat biex tagħmel dak li għamlet . L-element materjali invece jikkonsisti filli wieħed jippriva persuna ohra minn xi dritt fuq haga li ghandu it-tgawdija tagħha. Ir-reat ma jissussistix meta l-att materjali jikkonsisti fir-retenzjoni ta' pussess li dak li jkun gja ikollu . Hemm bżonn li jkun hemm att pożittiv li jippriva lit-terz , jew ifixklu fil-pussess tal-ħaġa għax kif jgħid il-Carrara (Prog. Parte Speciale Vol.5 para. 2850 :-***

***"L' atto esterno deve privare altro contro sua voglia di un bene che gode . Chi e' nell'attuale godimento di un bene e continua a goderne a dispetto di chi non voglia ; non delinque perche' la legge protegge lo "stato quo" il quale non puo' variarsi tranne per consenso degli interessati o per decreto della autorita' giudiziale."***

Il-Qorti hija konvinta li Carmel Azzopardi kien li qata' l-pal tal-bajtar kif hemm ammess minnu stess waqt ix-xhieda li ta hu stess quddiem il-perit arkitett maħtur mill-Qorti. Iżda barra din l-istqarrija hemm xhieda oħra li rawh jaqta': Andrew Agius, Frederick Agius u Mario Pisani.

Skont il-perit, dawn is-siġar kienu boundary bejn l-ispazji ta' wieħed u tal-ieħor kif jidher kemm mill-pjanta kif ukoll mill-aerial views. Dan ifisser li parti minn dawn is-siġar kienu fuq in-naħa tal-kwerelant kif huwa ppruvat mill-aerial views. Dan għandu l-pussess tal-ispazju tiegħu.

Għalhekk kontra dak li huwa allegat fl-ewwel tliet aggravji tal-appellant, hemm prova tal-pussess tal-art da parti ta' Andrew Agius. Lanqas ma jfisser li għax Mario Pisani qal li hu u Andrew Agius kienu fl-għalqa fuq in-naħa ta' Indir, lik allura l-appellant ma baqax għaddej jaqta' minn **fejn kellux dritt li jaqta**.' **Filfatt dan Mario Pisani xehed li qabel l-inċident ma kienx jara lill-imputati. Dan il-punt ħareġ ukoll mix-xhieda ta' Frederick Agius.**

L-appellant qal li hemm konflitt bejn dak li qal il-kwerelanti u Mario Pisani. L-ewwelnett konflitt fix-xheida mhxu bilfors iwassal għal-liberazzjoni tal-appellant. Kull meta hemm konflitt, il-Qorti għandha tiżen sew kulħadd x'qal u tista' tasal beix temmen verżjoni u ma temminx oħra. M'hemm ebda obbligu fuq il-qorti li tillibera. It-tieni dan il-konflitt m'hu konflitt xejn. It-tnejn jgħidu x'ġara u l-uniku dettall huwa dwar ic-chainsaw. Iżda b'daqshekk ma jfissirx li hemm xi dettall li b'xi mod ikisser jew joħloq xi dubju dwar kif seħħew il-ġrajja.

Għalhekk il-Qorti qed tiċħad l-ewwel tliet aggravji kif ukoll qed tikkonforma l-ħtija dwar l-ewwel imputazzjoni għaliex kienu ippruvati l-elementi kollha: l-att estern – qtugħ tas-siġar; li l-appellant ħaseb li kien qed jagħmel dan bi dritt; u x-xjenza tal-appellant li qed jagħmel xi ħaġa li jista' jeħodha biss bil-liġi. L-aħħar element jidher ukoll għaliex l-aġir tal-appellant ma jinkwadrax f'xi reat ieħor.

Dwar ir-raba' aggravju, m'hemm ebda dubju li l-appellant daħal fi propjeta' ta' ħadd ieħor meta baqa' jaqta' l-bajtar fejn ma kellu ebda dritt li jagħmel dan. Iżda din l-imputazzjoni hija assorbita fl-ewwel waħda.

Dwar il-ħames aggravju, l-appellant jirrepeti l-istess sottomissjoni li l-pal tal-bajtar kien fil-propjeta' tal-kwerelant. Dwar din il-parti tal-aggravju, il-Qorti tirreferi għall-konklużjonijiet peritali li juru mod ieħor.

L-appellant jissottometti wkoll li m'għamel ebda ħsara għax huwa żabar is-siġar skont il-permess. Bir-rispett kollu l-permess ma jinħariġx biex jintuża fuq il-propjeta' ta' ħaddieħor.

Għaldaqstant, il-Qorti qed tiċħad ir-raba' u l-ħames aggravju wkoll.

Konklużjoni

Il-Qorti qed tikkonferma s-sentenza mogħtija fl-ismijiet premessi fl-10 ta' Novembru 2011.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------